MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 102/2005

Kawza fil-lista: 38

**L-Avukat Dottoressa Vanessa Borg bhala mandatrici ta' A B li ghandha passaport Tajlandiz, assenti minn dawn il-Gzejjer**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici nomine ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi A Dougpol u l-konvenut izzewgu civilment gewwa Singapore nhar it-Tlieta (3) ta' Settembru 2001, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg mahrug mir-Repubblika ta' Singapore, hawn anness u mmarkat Dok. 'A'.

Premess illi A Dougpol hija Tajlandiza u l-konvenut ghandu cittadinanza Maltija b’naturalizzazzjoni u domicilju Malti.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza.

Premess illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett legali ai termini ta’ l-Artikolu 19(1) subinciz (d) u/jew (f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975, kif emendat.

Jghid ghalhekk il-konvenut, il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat fit-3 ta’ Settembru 2001 bhala null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi ai termini ta’ l-Artikolu 19(1) subinciz (d) u/jew (f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975, kif emendat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li ma jopponix ghat-talba attrici li z-zwieg bejn il-partijiet li sehh fit-tlieta (3) ta’ Settembru 2001ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kkuntrattat bejn il-partijiet go Singapore fit-3 ta’ Settembru 2001 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafi [d] u/jew [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

Illi mill-provi rrizulta li f’ Novembru tas-sena 2000 l-partijiet kienu ltaqghu f’ Singapore fejn il-konvenut kien qed jahdem f’ dak iz-zmien, u l-attrici kienet studentessa ta’ l-informatika b’ visa temporanea. Sussegwentement nibtet relazzjoni bejniethom u wara ftit xhur l-attrici marret tabita fl-appartament fejn kien jirrisjedi l-konvenut peress li ma kellhiex finanzi sufficjenti sabiex tipprovdi ghall-akkomodazzjoni dicenti ghaliha. Meta eventwalment l-istudent visa tal-attrici sakadiet, l-attrici ma rieditx thalli lill-konvenut u ghalhekk fi kliemha “we decided to get registered as husband and wife in order for me to be able to remain in Singapore”. Di fatti dawn izzewgu fit-3 ta’ Settembru tas-sena 2001. L-attrici issostni li dan kien l-uniku skop ghalfejn izzewget lill-konvenut u ma kellha ebda intenzjoni li tifforma familja. Sussegwentement ir-relazzjoni bejniethom qraset u l-koppja sseparat de facto. Di fatti illum, filwaqt li l-konvenut qieghed Malta, l-attrici tirrisjedi f’ Shanghai fic-Cina fejn qeda tahdem ma kumpanija internazzjonali. Din il-versjoni tal-fatti tinsab konfermata mill-konvenut, kemm fl-affidavit tieghu, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti fejn inter alia jghid “ .. she didn’t want to have any children in the future which was not the indication that she had given me when we got registered, that we would start a family and all that, and things changed.”

Illi jirrizulta sodisfacentement provat li l-uniku skop li l-attrici kienet dahhlet ghal dan iz-zwieg kienet li tibqa’ tghix f’ Singapore mal-konvenut, allura n-namrat taghha. Ghalkemm esternament kienet tat il-kunsens ghall-kontrattazzjoni ta’ dan iz-zwieg, internament hija kienet eskludiet b’ att posittiv tal-volonta’ taghha li f’ dan iz-zwieg ikollha t-tfal u tifforma familja mal-konvenut – b’ hekk fil-

mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali u anke sussegwentement hija eskludiet wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja konjugali, dak tal-*bonus prolis*.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jezisti l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat, liema raguni ghall-annullament teskludi dik kontemplata fil-paragrafu [d]. Ghaldaqstant it-talba attrici tinsab gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet f' Singapore fit-3 ta' Settembru 2001. L-ispejjez kollha a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------